# IL-KNISJA TA' SANTA UBALDESKA

Il-Gran Mastru de Paule qatagħha li jibni l-knisja ta' Santa Ubaldeska a spejjeż tiegħu u għamilha ġuspatronat maġisterjali għalih u għal ta' warajh, u għall-kappillan ta' l-Ordni skond l-ittri Appostoliċi tat-12 ta' Novembru 1629. Dan ifisser li l-knisja kienet proprjetà ta' l-Ordni ta' San Ġwann. Il-kappillan ta' l-Ordni kellu d-dmir li jkanta l-vespri fit-28 ta' Mejju, il-jum tal-festa. Kellu wkoll dritt li jiġbor għoxrin skud fis-sena għall-Ordni. Għalkemm ma teżisti ebda prova ta' dan, Achille Ferris igħid li l-pjanti ta' din il-knisja pinġihom Vittorio Cassar, bin Ġerolamo. L-ewwel ġebla tqiegħdet fil-25 ta' Awwissu 1630. Bnieha żgħira apposta għax kien hemm il-ħsieb li titkabbar meta l-popolazzjoni tar-Raħal Ġdid tikber. Il-knisja kien fiha biss 9 metri tul u 9 oħra wisgħa. Kienet tagħmel sehem mill-matriċi-parroċċa ta' Ħal Tarxien. Fit-22 ta' Mejju, 1897 l-Isqof Pace talab lill-Gvern għall-knisja ta' Santa Ubaldeska, u l-Gvern fl-24 ta' April 1900 taha lill-Awtoritajiet Ekkleżjastiċi flimkien mal-misraħ ta' quddiemha sabiex titkabbar u tintagħmel parroċċa separata. Għal din l-opra wieħed sinjur Ingliż offra £100. L-imgħallem bennej, Mastru Piet Dimech, għamel il-pjanta u f'dik is-sena stess inbeda x-xogħol billi ħattew il-faċċata biex resqet aktar 'il quddiem u ssir oħra isbaħ u akbar bħalmà fil-fatt sar. Fl-1901 ix-xogħol kien lest. Fid-29 ta' Awwissu 1905 il-knisja saret Viċi-Parroċċa bis-setgħa li tista' tamministra s-sagramenti lill-abitanti. L-Isqof Pace fit-12 ta' Lulju, 1910 waqqafha f'parroċċa għaliha u l-ewwel kurat Vigarju tagħha kien Dun Salv Busuttil. Din il-knisja għandha sitt artali. Għall-ħtiġijiet tagħhom kellhom jagħmlu tajjeb in-nies li oriġinaw mill-Kottonera. Ta' Bormla waqqfu artal tal-Kunċizzjoni, ta' l-Isla għamlu ieħor lill-Bambina, u dawk tal-Birgu ħasbu f'San Lawrenz. Fil-kwadru ta' Santa Ubaldeska, li hu xogħol il-pittur Gorogno, tidher ix-xbiha tal-Gran Mastru de Paule. Il-festa titulari kienet tal-Qalb ta' Ġesù u kienet issir fl-ewwel Ħadd fuq l-Ottava tal-Qalb ta' Ġesù. Fl-1911 ġie mżanżan il-Kwadru titulari fuq l-artal maġġur, impitter minn Lażżru Pisani. Il-festa kienet issir bit-tridu u nhar il-festa fil-għaxija kienet toħroġ purċissjoni u fil-pjazza tas-suq tintrama tribuna u hemm tingħata l-benedizzjoni. Din il-knisja baqgħet tintuża sakemm f'Ħadd il-Palm tal-1936 ġie trasferit is-Sagrament għall-knisja l-ġdida.



Santa Ubaldesca